MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Numru 333/2015

Illum 17 ta' Gunju, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imsemmija Rita Borg, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 253161M akkuzata talli:

F'dawn il-Gzejjer, u/jew gewwa l-fond *Sparkasse Bank Malta plc, 101, Town Square, ix-Xatt ta' Qui-Si-Sana, Sliema*, nhar is-16 ta' Awwissu, 2011, u/jew fix-xhur ta' qabel, fil-kapacita' taghha bhala 'payments officer' mal-imsemmi bank, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi sminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jew maghmula b'risoluzzjoni wahda,

1. Minghajr awtorizzazzjoni nstallat, nehhiet, biddlet, ghamlet hsara, hassret, deterjorat, razznet, qerdet, varjat jew ziedet ma' xi data, softwear jew dokumentazzjoni ta' appogg. Liema reat sar minnha bhala impjegata bi pregudizzju tal-principal taghha, Sparkasse Bank Malta plc u bi pregudizzju ta' terzi persuni (Karen Molnar u GSB Ltd.);

2. U fl-istess, hin, lok u cikrostanzi, kkommettiet serq b'valur ta' €24,500, ghad-dannu tal-istess bank *Sparkasse Bank Malta plc,* u/jew persuni/kumpaniji ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-*valur* u bil-persuna;
3. U fl-istess, hin, lok u cirkostanzi, approprjat ruhha b'valur ta' €26,177.55 ghad-dannu ta' GSB Ltd., u/jew perusni/kumpaniji ohra, liema approprazzjoni sar minabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha;
4. U fl-istess hin, lok u cirkostanzi, ghad-dannu ta' Karen Molnar, u/jew persuni/kumpaniji ohra, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi folos jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zzidet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.
5. U fl-istess hin, lok u cikrostanzi, ghad-dannu tal-istess bank Sparkasse Bank Malta plc u/jew Karen Molnar, u/jew persuni/kumpaniji ohra, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' €20660 bi hsara ta' haddiehor.

Il-Qorti giet gentilment miltuba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna lil imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti tal-process;

Rat illi fis-seduta tal-llum l-imputata Rita Borg ammettiet l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtha ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzata baqghet itenni t-twegiba taghha.

Rat l-artikoli, senjatament l-art. 18, 183, 267, 268(d), 293, 294, 308, 337C(1)(g), 337F(3)(a) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali aggornata tal-imputata.

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza u l-prosekuzzjoni

In vista tal-ammissjoni, tikkundanna lill-hatja ghal-sentejn prigunerija, liema perjodu ta' prigunerjia b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal-erbgha snin.

Ai termini tal-artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tornda li l-hatja titqieghed taht taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal sorveljanti għal-perijodu ta' sentejn.

Il-Qorti tasjenti milli teihu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni ghal-hlas tal-ispejjez ai termini tal-art. 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba l-fatt li ma kienx hemm spejjez inkorsi f'dan il-process.

In vista tal-ordni ta' supervizjoni, tornda li kopja ta din is-sentenza tigi komunikata lid-direttur tal-Probation u Parole.

Il-Qorti tordna li din is-sentenza flimkien mal-atti tal-kawza jintbghatu lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------